# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 10 ta' April 2025**

**Numru 9**

**Rikors Numru 510/2024**

**Hasan Al Khalil (KI: 0635523L)**
**vs**
**Luca Di Modugno (Passaport Taljan YB7633167) u Karta tal-Identita Maltija 197319A**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Hasan Al Khalil (l-Attur) tat-8 ta' Mejju 2024 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> Illi l-esponenti u l-intimat kienu jaghmlu diversi xogholijiet flimkien fosthom ta finishings ta doversi progetti u ta reklutagg tal-haddiema.
>
> Illi fuq diversi okkazzjonijiet l-esponenti kien ikollu johorg il-kapital huwa sabiex jiffinanzja progetti li l-partijiet kienu jaghmlu bi shab, bil-ftehim li l-intimat kellu jghaddilu s-sehem tieghu minn tali finanzjament;
>
> Illi lura fl-2021, l-intimat kien diga wieghed lill-esponenti li kellu jhalsu lura s-somma ta' ghoxrin elf ewro fuq finanzjament ta' progett li kien hareg l-esponenti u dan hekk kif jidher minn Dok. HK1;

Illi matul il-kors taz-zmien, l-esponenti kompla jiffinanzja diversi progetti ohra u llum l-intimat huwa dovut li jhallas lill-esponenti l-ammont totali ta' erbghin elf ewro;

Illi s-shubija tal-partijiet kienet intemmet u dan minhabba diversi nuqqasijiet tal-intimat li jhallas dak li kien dovut li jhallas ghas-sehem tieghu;

Illi minkejja numru ta' wieghdiet, anke bill-miktub, li huwa ser ihallas l-ammont ta erbghin elf ewro dovuti minnu lill-esponenti, l-intimat baqa inadempjenti w ghalhekk l-esponenti kellu jiehu l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-intimat;

Illi d-debitu ta' erbghin elf ewro (€40,000) huwa cert, likwidu u dovut u dawn il-fatti huma mgharufa minn Hasan Al Khalil (KI: 0635523L), li qieghed jikkonferma l-istess bil-gurament tieghu u jiddikjara li safejn jaf hu, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra din it-talba.

Ghaldaqstant, l-esponenti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jitlob li din l-Onorabbli Qorti jghogobha:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' erbghin elf ewro (€40,000);

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subbizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat bl-atti baqa' ma għamilx risposta ġuramentata skond il-liġi.

Wara li rat l-Artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-konvenut ingħata żmien biex jagħmel nota ta' sottomissjonijiet, liema nota baqa' ma għamilx.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet lill-Attur jixhed fis-seduta tas-27 ta' Frar 2025.

Rat li l-konvenut qatt ma ħa interess fil-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti eżaminat il-ftit dokumenti li ġew presentati f'din il-Kawża. Mill-SMS's li ġew skambjati bejn il-partijiet jirriżulta li l-ammont li qed jitlob l-Attur huwa minnu. Il-Qorti hija tal-konvinċiment morali li din is-somma tassew għandha titħallas lill-Attur. Il-konvenut kellu kull opportunita' biex jiċħad dan tant li l-Kawża kienet bil-giljottina u din il-Qorti tatu opportunita' jagħmel risposta ġuramentata iżda għalxejn.

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li dawn il-flejjes tassew huma dovuti lill-Attur.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija eżawrita.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma ta' erbgħin elf ewro (€40,000) bl-imgħaxijiet legali, mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-Kawża kif mitluba għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**